27 ta' Ġunju, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Neg. Paolo Borg *versus* Neg. Francis Grech et..

**Ritrattazzjoni — Nullità —**
**Nuqqas ta' Talba għar-Revoka tas-Sentenza.**

*F'materja ta' ritrattazzjoni, it-talba għar-revoka tas-sentenza impunjata hija assolutament neċessarja; u għalhekk l-iskrittura li biha tiġi mitluba r-ritrattazzjoni, imma li ma jkunx fiha wkoll it-talba biex tiġi revokata s-sentenza impunjata, hija nulla.*

Il-Qorti, — Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmi Paolo Borg, li talab li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Diċembru 1948, fil-kawża "Paolo Borg Neguzjant vs. Neguzjant Francis Grech u John Borg" tiġi ritrattata u dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi revokata fil-kap fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn mogħtija mill-konvenuti, u fejn iddikjarat estinta l-azzjoni ta' l-attur, u fejn l-istess attur ġie kundannat iħallas l-ispejjeż tiegħu, u tiġi konfermata fejn ikkundannat il-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tagħhom, u konsegwentement jiġi deċiż li l-konvenuti ma għandhomx dritt jeċċepixxu l-preskrizzjoni ta' sentejn li eċċepew u lanqas preskrizzjoni oħra; u konsegwentement li l-azzjoni preżenti, esperita mill-attur biċ-ċitazzjoni tiegħu numru 118 tal-1948 mhix estinta, u li din iċ-ċitazzjoni, jekk din il-Qorti jidhrilha, tiġi rinvjata lill-Qorti tal-Kummerċ għall-kontinwazzjoni tagħha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi d-difensur ta' l-appellati, fit-trattazzjoni orali tal-kawża, ġieb 'il quddiem eċċezzjoni oħra tan-nullità tal-petizzjoni, imħabba li t-talba għar-ritrattazzjoni mhix magħmula skond il-liġi, billi l-appellant ma talabx li qabel xejn tiġi revokata s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Diċembru 1948;

Ikkunsidrat;

Illi dik l-eċċezzjoni mhix preliminari, iżda perentorja, għaliex jekk milqugħa wara ż-żmien għar-ritrattazzjoni, is-sentenza impunjata ssir ġudikat. Għalhekk ma kellhiex tiġi mogħtija bilfors "in limine litis" (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Marzu 1934 in re "Desira vs. Dr. Caruana");

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi li "kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin................" Mill-istess kliem tal-liġi huwa evidenti li l-ġudizzju tar-ritrattazzjoni għandu żewġ skopi, jiġifieri dak li tiġi annullata sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet, u dak li terġa' tinfetaħ it-trattazzjoni tal-kawża biex tiġi ottenuta sentenza oħra. Għalhekk il-ġudizzju tar-ritrattazzjoni huwa kompost minn żewġ stadji, wieħed differenti mill-ieħor, magħrufin fid-dottrina bħala "il rescindente" u "il rescissorio". Il-liġi, kif jidher mid-dispożizzjoni fuq miġjuba u mill-oħra ta' l-art. 823 ta' l-istess Kodiċi, trid li qabel xejn tiġi mħassra s-sentenza, u biss wara li jkun sar dan tista' ssir it-trattazzjoni mill-ġdid tal-kawża, billi sakemm dak it-tħassir ma jkunx sar dik is-sentenza tkun ta' ostakolu għar-rieżami tal-kawża. Minn dan jidher li t-talba għat-tħassir tas-sentenza hija assolutament neċessarja f'domanda għar-ritrattazzjoni tal-kawża; u jekk dik it-talba ma ssirx ma jistax jiġi ritenut li d-domanda għar-ritrattazzjoni ġiet magħmula regolarment u skond kif titlob il-liġi;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant fil-petizzjoni għar-ritrattazzjoni ma talabx it-tħassir tas-sentenza preċedenti mogħtija minn din il-Qorti

fit-22 ta' Diċembru 1948, iżda talab biss ir-riforma ta' is-sentenza, billi talab ir-revoka ta' dik il-parti fejn hu baqa' sokkombenti u l-konferma tal-parti fejn kien rebbi Il-proċedura segwita mill-appellant kienet dik ta' ap għar-riforma tas-sentenza appellata, li hija wisq differ minn dik tar-ritrattazzjoni, fejn it-talba għandha tkun jew għar-revoka jew tħassir totali tas-sentenza impunj billi mingħajr dan it-tħassir totali mhux possibbli li l-ka tiġi trattata mill-ġdid;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, id-domanda għar-rit tazzjoni ġiet magħmula ħażin, u l-eċċezzjoni ta' l-appe dwar in-nullità tal-petizzjoni, sollevata, kif intqal fuq. w it-trattazzjoni orali tal-kawża, għandha tiġi milqugħa;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija, u konsegwentem tiddikjara *nulla u ineffikaċi d-domanda għar-ritrattazzjoni* ġjuba 'l quddiem bil-petizzjoni; bl-ispejjeż kontra l-attur pellant.